



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Mejju 2018
(OR. en)

15380/17

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0318 (NLE)

COLAC 138
WTO 327

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja tat-Tielet Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta' ...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha,
u l-applikazzjoni provviżorja tat-Tielet Protokoll Addizzjonali
tal-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni
bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda,
u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra,
sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni
tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2), l-Artikoli 207 u 211, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra¹ (il-'Ftehim Globali'), ġie ffirmat fit-8 ta' Diċembru 1997, u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2000.
- (2) Skont l-Artikolu 6(2) tal-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Ftehim Globali għandha tiġi miftiehma permezz ta' protokoll għall-Ftehim Globali konkluż bejn il-Kunsill, li jkun qed jaġixxi unanimament f'isem l-Istati Membri, u l-Istati Uniti Messikani.
- (3) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Istati Uniti Messikani bil-ħsieb li jiġi konkluż it-Tielet Protokoll Addizzjonali sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (il-'Protokoll'). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess.
- (4) L-Artikolu 5(3) tal-Protokoll jipprevedi l-applikazzjoni provviżorja tiegħu qabel ma jidħol fis-seħħ.
- (5) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi ffirmat u applikat fuq bażi provviżorja sa meta jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 276, 28.10.2000, p. 45.

Artikolu 1

L-iffirmar fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha tat-Tielet Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea huwa b'dan awtorizzat, suġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll.

It-test tal-Protokoll huwa anness ma' din id-Deċiżjoni⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

⁺ Delegazzjonijiet: ara d-dokument ST 15410/17.

Artikolu 3

Il-Protokoll għandu japplika fuq bażi provviżorja f'konformità mal-Artikolu 5(3) tiegħu, sa meta jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
